MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Numru. 412/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**Versus**

**Godwin Calleja**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Godwin Calleja ta' 28 sena, bin John u Mary nee Camilleri imwieled Pieta' fit-13 ta' Ġunju, 1974 u joqgħod 67, God's Love, Triq il-Ġdida, Luqa u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 331674 (M) akkuzat talli

1. Nhar l-20 ta' Frar 2003 għall-ħabta tat-2.45 ta' wara nofs in-nhar fi Triq San Pawl Ħal-Luqa permezz tal-vann Toyota Daina kkawza ħsarat volontarji fqu il-vettura ta' l-għamla Mazda mudell 121 li għandha numru tar-eġistrazzjoni LAL-587 liema ħsara teċċedi l-Lm500 għad-

dannu ta' Stephen Casha u persuni oħra minn Ħal-Luqa u dana bi ksur ta' l-artikolu 325(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess ċirkostanzi kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bi ksur ta' l-artikolu 338(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

3. Talli fl-istes ċirkostanzi qal kliem oxxen, indeċenti u dagħa bi ksur ta' l-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, ħin u lok hedded u nsolenta lil Stephen Casha u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (e) tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Talli fl-istess data, ħin u lok saq il-vann ta' l-għamla Toyota mudell Daina JAR-326 b'manjiera perikoluza.

Il-Qorti ntalbet li tissospendi l-liċenzja, li f'kaz ta' kundanna, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez ta' l-esperti, u sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluzi l-fedina penali, l-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali beix dawn il-proċeduri jkunu sommarji datat 20 ta' Mejju 2003, il-kunsens ta' l-imputat biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji – liema kunsens kien ikkonfermat mill-imputat wara li ngħata żmien xieraq biex jaħsibha- il-verbali ta' l-20 ta' Mejju, 2003 u tas-17 ta' Ġunju 2003 fejn il-Qorti awtorizzat iż-żidiet u bidliet mitluba mill-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni, u d-dokumenti u r-ritratti (paġina 37) ipprezentati.

3. Semgħet ix-xhieda kollha bil-ġurament

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-għaref Prosekutur u l-għaref difensur.

Ikkonsidrat

**Il-Fatti**

5. Il-fatti ta' dawn il-proċeduri seħħew fl-20 ta' Frar 2003 meta nqalgħet ġlieda fi Triq San Pawl f'Ħal-Luqa bejn l-imputat u Stephen Casha u ssejħu l-Pulizija fuq il-post. L-imputat qal lill-Pulizija li hu kien għaddej bil-vann meta ra lil Stephen Casha bil-Mazda LAL 587. Huwa qal li Stephen Casha ħareġ mill-karozza u mar jinsolentah minħabba xi sufan li kien biegħ ħu l-imputat lil Stephen Casha. L-imputat qal li Stephen Casha beda jagħtih fuq wiċċu. Huwa pprova jaħrab bil-karozza u aċċidentalment laqat il-vettura ta' Casha. Xi ġimgħat wara l-imputat ġab ċertifikat li juru li kellu xi ġrieħi fix-xoffa ta' fuq u zewġ sinniet li kellhom l-enamel iċċippjat

6. Fil-verzjoni ta' Casha, dan qal li hu pprova jwaqqaf lil Calleja biex ikellmu fuq is-sufan. L-argument saħan u Calleja beda jimbotta lil Casha meta Calleja kien għadu fil-vann tiegħu. Calleja mbagħad saq il-vann tiegħu b'manjiera perikoluża fid-direzzjoni tal-karozza ta' Casha u b'hekk ikkawża ħsarat konsiderevoli. Malli Calleja ħabat, dan ħareġ b'ħadida f'idejh u beda jgħid lil Casha biex imur lejh jekk irid is-soddisfazzjon. Casha ppreżenta stima tal-ħsarat li turi l-figura ta' Lm833.75.

**Stqarrija ta' l-Imputat**

7. Fi stqarrija ta' l-14 ta' Mejju 2003, l-imputat qal li Stephen Casha kien waqqaf il-karozza tiegħu f'nofs it-triq u qal lill-imputat li ħu l-imputat ma kienx raġel. Casha tah daqqa ta' ponn fuq il-parti ta' quddiem ta' wiċċu (wiċċ l-imputat). Casha baqa' jagħtih u bil-biza' l-imputat saq biex jaħrab u ħabat mal-karozza ta' Casha. Il-karozza ta' Casha misset faċċata ta' dar.. Casha imbagħad qabad lill-imputat minn sidru Hawn huma bdew jigħajru u joffendu lil xulxin. Huwa nnega li saq fuq il-karozza apposta.

**Xhieda Oħrajn**

8. Is-surveyor Anthony Vassallo kkonferma l-figura ta' Lm833.75 li qegħda fid-dokument JB 1.(fol. 30) bħala l-figura li tirrappreżenta l-ispejjeż li ġarrab Stephen Casha fil-karozza tiegħu dak in-nhar ta' l-inċident.

9. Stephen Casha qal li Godwin Calleja kien nieżel bil-vann Toyota waqt li x-xhud kien tiela’ minn Saint Paul’s Street, Luqa. L-imputat ħareġ idu mit-tieqa u waqqaf lix-xhud. Stephen Casha niżel ikellem lill-imputat ħdejn il-karozza u l-vann għaliex ix-xhud ma setax ikellem lill-imputat mit-tieqa. Ix-xhud tkellem dwar xi sufan li kien ordna għand ħu l-imputat iżda dan ma kienx tajjeb u x-xhud kien saħansitra fetaħ kawża fit-tribunal tal-konsumatur. L-imputat qabad u imbutta lix-xhud minn ġot-tieqa u x-xhud imbotta lill-imputat ukoll. Eventwalment l-imputat saq b’saħħa kbira fuq ix-xhud li żgiċċa fuq il-bankina waqt li l-imputat laqat il-karozza tax-xhud (fol.44). L-imputat kien fuq il-bankina, il-vann ta’ l-imputat baqa’ nieżel ‘l isfel, reġa’ waqaf u rriversja għal fuq il-karozza tax-xhud. Ix-xhud niżel biex jara xi ħsara kien hemm u l-imputat niżel b’ħadida f’idu u l-imputat offendieh bil-mara. Ma saru ebda ġrieħi fuq ix-xhud.

10. Fil-kontro-eżami x-xhud baqa’ jinsisti li kien l-imputat li waqqfu. (fol.49, 50 u 51). Huwa qal ukoll li fejn sar l-inċident ma kienx hemm karozzi ipparkjati. Huwa żied jirrispondi li l-imputat kien ġie wrong side biex daħal fuqu. (fol.56). Ix-xhud ċaħad li kien laqat lill-imputat f’wiċċu bil-ponn (fol.59) Id-difiża fakkret lix-xhud li kien għadda proċeduri propju fuq dan il-każ. (fol 59).

11. Imbagħad fis-seduta tas-6 t’Ottubru 2004 huwa kkonferma li kien l-imputat li ħabat miegħu bil-karozza dak in-nhar ta’ l-inċident waqt li għaraf lill-imputat.

12. Xehed ukoll Noel Debono li kien ra lis-sur Casha bil-wieqfa fejn it-tieqa tal-vanna ta’ l-imputat.Huwa ra lill-imputat jirreversja l-vann tiegħu u l-imputat ta daqqa fil-karozza tas-sur Casha. Ix-xhur ikkonferma dan wara mistoqsija li saritlu mill-Qorti. Huwa kompla jgħid:

‘il-vann bid-daqqa li tah baqa’ nieżel ‘l isfel. Il-vann tiegħu reġa’ rriversja għal ġol-karozza tas-Sur Casha u tefagħhielu n-naħa l-oħra tat-triq.’

‘Qorti: Jiġifieri irreversja darbtejn skond int l-imputat?’

‘Xhud: ‘Ehe irreversja darba biex qabeż il-karozza u tah daqqa fuq quddiem. …Imbagħad irreversja għal ġol-karozza u xeħithielu man-naħa l-oħra tat-triq. …Rajt lis-sur Calleja ħiereġ b’ħadida square bar qisha metru għoli.’

13. A fol 65 l-Prosekuzzjoni staqsiet lix-xhud jekk Calleja kienx irriversja biex jikkalma l-biċċa jew irriversja biex jagħti rankatura? Ix-xhud wieġeb li l-imputat kien irreversja b’ċerta saħħa biex jagħti d-daqqa għal ġol-karozza.

14. Għal mistoqsijiet tad-difiża x-xhud wieġeb li l-imputat kien fil-vann il-ħin kollu (fol 67), li l-Pulizija damu ma ġew xi għoxrin mintua u sadanittant is-sitwazzjoni kienet ikkalmat.

15. Għall-Prosekuzzjoni xehed ukoll Alfred Farrugia li qal li l-karrozza kienet ta’ ħatnu (Stephen Casha) u x-xhud kien nieżel lejn id-dar. Huwa ra l-karozza maħbuta u meta mar jittawwal sema’ lill-imputat jitkellem oxxen fuq it-tifla tiegħu (jiġifieri tax-xhud). Huwa qal ukoll li l-karozza ta’ Stephen Casha ma kellhiex ħsarat qabel dan l-inċident.(fol 75)

16. Wara dan ix-xhud il-Prosekuzzjoni reġgħet tellgħet lil Anthony Vassallo, surveyor tal-kumpanija Laferla Insurance Agency li kellu kopja tas-survey u ritratti. Il-karozza kellha daqqa quddiem in-naħa tal-lemin speċlamnet u daqqa fuq ix-xellug in-naħa ta’ wara. Huwa qal li l-ħsarat kienu jammontaw għal Lm611.41 u li Stephen Casha kien inxurjat mal-kumpanija. Huwa kien għamel l-assessment wara li mar fuq il-post. Biss huwa ma kienx f’pożizzjoni li jgħid li d-daqqiet saru fl-inċident jew wara.

17. PS 647 Ivan Chetcuti ppreżenta kopja ta’ l-okkorrenza waqt li l-panel beater Alfred Ellul, li kien għadu ħiereġ minn operazzjoni f’għajnejh u kellu diffikulta’ biex jaqra, ikkonferma li hu kien kiteb l-istima fuq dik il-karozza.’ (fol 107) Huwa ntwera r-ritratt li seta’jarah u ra wkoll id-daqqa.

## Xhieda Difiża.

18. L-imputat xehed minn jheddu. Inqratlu l-istqarrija li kien għamel lill-Pulizija fejn kien qal 'Niftakar li qlajt daqqa ta' ponn fuq il-parti ta' quddiem ta' wiċċi.' Huwa kien qal ukoll li mhux versu li saq apposta fuq il-karozza ta' Stephen Casha) kif ukoll li huwa kien niżel mill-karozza għaliex Stephen Casha kein fetaħlu l-bieba, qabdu minn sidru, niżżlu, u meta nizzlu mill-vann huwa kien iddefenda ruħu per' ma kienx ħebb għalih.'

19. L-imputat qal li kein qala' daqqa ta' ponn fuq sinna u ta' dan huwa ppreżenta ċertifikat ukoll. Dan iċ-ċertifikat immarkat GC juri l-ġireħi li kien sofra l-imputat dak in-nhar ta' l-inċident. Huwa qal ukoll li l-karozza ta' Stephen Casha kienet fin-nofs u l-imputat ried jaħrab mill-aggressivita' ta' Stephen Casha. Huwa nnega li kien ħataf lil Stephen Casha minn wiċċu u mbuttah. Huwa ċaħad ukoll li kien dawwar il-karozza ta' Casha. Traffiku warajh ma kienx hemm iżda kien hemm karozzi pparkjati n-naħa tiegħu. Huwa ammetta li kien ħareġ il-ħadida iżda din kien ħariġha biex jiddefendi ruħu.

20. Id-difiża tellgħet ukoll lil Stephen Casha biex jikkonferma kienx irċieva ż-żewġ ittri legali datati 20 ta' Frar 2003[1] u 20 t'April 2003(immarkati AF1 u AF 2). Huwa kkonferma li kien irċevihom u li kien għaddiehom lill-avukat tiegħu.

## Trattazzjoni

21. Fit-trattazzjoni l-Prosekutur issottometta li l-imputat ma baqax sejjer għal triqtu u saħansitra ħareġ b'ħadida. Barra dan hemm ix-xhieda ta' bniedem indipendenti –Noel Debono – u żied jgħid xi ħaġa li ma qalhiex Stephen Casha. Li kieku Stephen Casha ma qabiżx fuq il-bankina, l-inċident seta' kien agħar.

[1] Din għandha d-data ta' meta seħħ l-inċident.

22. Id-difiża ssottomettiet li qatt ma kien ippruvat li l-ħsara teċċedi l-Lm500. Barra dan l-imputat qatt ma ħareġ mill-karozza tiegħu; anzi l-imputat pprova jevita aktar swat. Kien Stephen Casha li pprova jsawwat lill-imputat.

23. Dwar il-ħsara din kienet involontarja għaliex l-imputat ipprova joħroġ minn fejn kien u l-inċident kollu kien ħolqu Stephen Casha. Wara kollox l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn fil-kwistjoni tas-sufan. L-imputat bilfors kellu jirreversja għax b'hekk biss seta' jeħles mill-inkwiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

24. Fil-fehma tal-Qorti l-qofol ta' dawn il-proċeduri huwa l-artikolu 325 tal-Kap 9. Skond dan l-artikolu

'Kull min b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dan is-Subtitolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew jgħarraq ħwejjeġ ħadd ieħor, mobbli jew immobbli, jeħel meta jinstab ħati

(a) jekk l-ammont tal-ħsara jeċċedi l-ħames mitt lira, priġunerija għal bejn tlettax-il xahar u erba' snin

omissis

Iżda meta d-delitt ikun skużabbli minħabba provokazzjoni inġusta, il-ħati jeħel, fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn żewġ terzi tal-piena hemm imsemmija.

Meta tiġi biex titqies l-iskuża għandha titħares ir-regola fl-artikolu 235.'

25. Mill-kliem ta' l-artikolu biex ikun hemm dan ir-reat jinħtieġ dawn l-elementi: (a) li jkun hemm ħsara fi propjeta' ta' ħadd ieħor (li f'dan il-każ trid tleħħaq 'il fuq minn ħames mitt lira), (b) li din il-ħsara tkun twettqet mill-imputat u (`) li din il-ħsara tkun volontarja.

26. Fil-każ in eżami għandna l-ewwelnett il-ħsara li saret lill-karozza ta' Stephen Casha li tammonta għal bejn is-sitt mitt lira  u t-tmien mitt lira kif jidher mid-dokumenti esibiti kif ukoll mir-ritratti.  Din il-ħsara twettqet fil-jum ta' l-inċident u waqt l-inċident għaliex,  skond kif xehed Alfred Farrugia, il-karozza ta' Stephen Casha ***ma kellhiex id-daqqiet qabel.***

27. It-tieni din il-ħsara twettqet ukoll mill-imputat.  Dan joħroġ kemm minn dak li qal ix-xhud indipendenti Noel Debono li ra lill-imputat jirriversja darbtejn, minn dak li qal l-imputat stess fl-istqarrija li pero' ma ammettiex li dan sar apposta kif ukoll minn dak li xehed Stephen Casha.

28. It-tielet din il-ħsara kienet volontarja.  Il-Qorti bl-ebda mod ma tista' temmen li din il-ħsara l-imputat ma setax jevitaha jew, kif qal hu, m'g]amilhiex apposta.  Il-Qorti semgħet il-verżjoni li ta Noel Debono li kien xhud indipendenti u ra l-inċident kollu.  Dan ix-xhud ra lill-imputat jirreversja darbtejn u s-sitwazzjoni kienet tkun ferm agħar li kieku Stephen Casha ma qabiżx fuq il-bankina.  Il-Qorti ma ssibx attendibbli l-verzjoni ta' l-imputat fejn hu qal li Casha kien imblokka n-nofs tat-triq meta r-ritratti juru l-karozza mkaħħla mal-ħajt.  Barra minn dan  lanqas li kieku l-karozza ta' Casha kienet f'nofs it-triq l-imputat ma kienx ġustifikat li jagħmel il-ħsara biex jgħaddi g]ax il-prudenza kieku kienet tilob li Stephn Casha jwarrab il-karozza.  L-imputat  pprova jiġġustifika dan l-aġir għax qal li kien qed jibża'.  Il-Qorti ma tirraviżax biża' f'persuna li toħroġ mill-karozza tagħha b'ħadida u mhix konvinta li din il-ħadida  kienet waħda indispensabbli għaliex ukoll mill-karozza fejn kien l-imputat kien qed jimbotta lix-xhud.   Għalhekk, ukoll jekk ix-xhud kien tah daqqa ta' ponn, il-Qorti mkien m'għandha dik il-prova li l-imputat kien f'xi perikolu serju jew imminenti.  Fuq kollox kien l-imputat stess li waqqaf lil Stephen Casha u kienu x'kienu d-differenzi fuq is-sufan l-imputat żgur m'għażilx l-aħjar moment biex il-kawża quddiem it-tribunal tal-konsumatur tkun riżolta.  Għalhekk il-volontarjeta' ta' l-att ta' l-imputat tirriżulta.  Għal din ir-raġuni l-Qorti qed teskludi l-applikabbilita' ta' l-artikolu 328 tal-Kap 9 minħabba li dan l-artikolu jreġi f'kaz ta' imprudenza,

negliġenza jew nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti. Dan ma kienx każ ta' ħarsein b'negliġenza jew traskuraġni iżda wieħed fejn l-imputat **deliberatament suq fuq il-karozza msemmija.**

29. Għaldaqstant, il-Qorti ssib li t-tliet elementi huma preżenti u qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni.

**Il-Provokazzjoni**

30. L-imputat qal li huwa kien qala' daqqa ta' ponn u saħansitra kellu xi enamel iċċipjat minn snienu. Skond l-artikolu 325 il-provokazzjoni trid tkun saret waqt il-ħin ta' l-azzjoni. Basta din tkun provokazzjoni inġusta.Fil-fatt fil-każ 'Il-Pulizija versus Anthony Agius' datata 5 ta' Marzu 1997 (Vol.LXXXI Part IV paġini 144-145) il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet qalet :

'Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni inġusta. Fil-fehma tal-Qorti, il-provokazzjoni inġusta li għaliha jirreferi l-artikolu 325 mhix limitata jew arġinata b'xi kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 jew 239 tal-Kodiċi Kriminali; l-uniku kriterju li l-eġislatur għażel huwa dak ta' l-artikolu 235. Il-ġurista Antolisei, in konnessjoni ma' la-ttenwanti ġenerali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inċiż ta' l-artikolu 62 tal-Kodiċi Penrali Taljan jgħid hekk:

'La situazione psicologica di cui trattasi ….deve essere determinate da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tali fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l'attenuante dovra ammettersi anche di fronte ad un compartamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita esose o anche semplicemente sconvenienti con cu is effettua, o per le ragioni che lo hanno determianto (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto, ecc). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto.' [2]

[2] Antolisei F MAnuale di Diritto Penale – Parte Generale. Giuffre (Milano) 1989 pp 394 - 395

31. Il-provokazzjoni inġjusta fl-artikolu 325 trid tkun oġġettivament riskontrabbli.

32. Mill-provi proċesswali jirriżulta li l-imputat kien qala' daqqa ta' ponn minn għand Stepehn Caruana eżattament qabel ma l-imputat għamel il-ħsara u l-Qorti qed tqis dan l-att bħala provokazzjoni ingusta u għalhekk iż-żmien ta' priġuerija kkontemplat fil-liġi għandu jkun ta' bejn 8xhur u 20 jum sentejn u tmien xhur.

33. Dwar it-tieni imputazzjoni, dik li għandha x'taqsma mal-buon ordni, il-Qorti ssib li dak li jagħmel l-imputat żgur iddisturba l-paċi pubblika għaliex sar f'nofs ta' triq.

34. Dwar it-tielet imputazzjoni ta' kliem oxxen, indeċenti u dagħa, il-Qorti hi tal-fehma li dawn ma jirriżultawx b'mod ċar mill-atti proċesswali allura l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

35. Dwar ir-raba' imputazzjoni, dik li tirrigwarda t-theddid, fil-fehma tal-Qorti din tirriżulta ampjament.

36. Dwar il-ħames imputazzjoni, il-Qorti issib lill-imputat ħati iżda hija tal-fehma li l-imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda

37. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) 325 (1)(a), 338(dd), 338 (bb), 339(e) tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 15 (1)(a)(2) tal-Kap 65 issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni u qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

38. Dwar il-piena, mill-parti paożittiva, il-Qorti rat li l-fedina penali ta' l-imputat hija nadifa. Mill-parti negattiva, ir-reat huwa serju, ma saret ebda ammissjoni minkejja li l-evidenza kienet solida, u ma ntalbet ebda skuża għal dak li ġara.

39. Fil-fehma tal-Qorti, fiċ-ċirkostanzi kollha ma jidhirx li l-ħabs huwa l-aħjar piena u minflok qed tapplika l-artikolu 21 u qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' tleit mija

u sebgħa u sittin lira Maltija (Lm367) fiż-żmien mogħti mil-Liġi u għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal tliet (3) xhur.

40. Jekk ma titħallasx il-multa jew parti minnha din tkun konvertita f'ħabs b'jum priġunerija għal kull ħames liri mhux imħallsin.

41. Il-Qorti qed tordna lill-imputat li ma jimmolestax lil Stephen Casha għal żmien sena mil-lum u dan taħt piena ta' Lm100 (mitt Lira Maltija) jekk din il-kudindizzjoni tinkiser.

42. Minħabba li ma tqabbad ebda espert, il-Qorti mhix ser tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------